MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 117/2012

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet ma humiex mizzewgin u ghandhom tifla F li twieldet fit-23 ta' Lulju 2007 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok A ;
2. Illi l-minuri taghraf lir-rikorrenti bhala missierha li ghal snin kien jiehu hsieb tal-bzonnijiet kollha taghha ;
3. Illi f'Awissu tas-sena 2011 l-esponent gie mwaqqaf mill-omm milli jkollu kuntatt mal-minuri minghajr ebda raguni valida u kwalunkwe tentattiv minn naha

tieghu sabiex is-sitwazzjoni tigi rizolta bonarjament kien inutli ;
4. Illi l-intimata ma hijiex kapaci tiehu hsieb lil minuri u dan minhabba l-istil ta’ hajja taghha inkluz il-kumpaniji li qed izomm kif ser jigi pprovat ampjament tul it-trattazzjoni tal-kawza ;
5. Illi l-esponent huwa l-aktar persuna idoneja sabiex jassumi l-kura u kustodja tal-minuri u jista’ u lest jassumi r-responsabbilta’ tal-minuri bintu ;
6. Illi r-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi ghall-kawza permess ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) anness u mmarkat Dok B ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F tigi fdata f’idejn ir-rikorrent;
2. Tiffissa il-hinijiet tal-access li z-zewgt genituri ghandhom ikollhom ghal bint minuri b’dawk il-kundizzjonijiet u modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;
3. Tordna li l-minuri ma tkunx fil-prezenza tal-partner tal-intimata jew f’sitwazzjoni li jesponuha ghal kwalunkwe tip ta’ skandlu;
Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta ma ipprezentatx risposta guramentata fiz-zmien li trid il-ligi u ghalhekk hija kontumaci f’din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-provi prodotti;

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-konvenuta;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza preliminari dwar dan il-punt;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti ghandha quddiemha talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimata C D.

Illi l-qorti tinnota li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat nhar l-24 ta' Lulju 2012, u dan kif jirrizulta mir-riferta esebita in atti a fol 18 tal-process, liema riferta turi li l-istess rikors guramentat gie notifikat fl-indirizz tal-istess intimata gewwa San Pawl tat-Targa u gie moghti lil Hugo Mamo.

Din il-qorti tinnota wkoll li l-intimata ma prezentatx ir-risposta guramentata taghha fit-terminu ta' ghoxrin gurnata stipulati mill-ligi izda, permezz tal-verbal tat-3 ta' Ottubru 2012, l-istess intimata ddikjarat li bi hsiebha tikkontesta n-notifika li allegatament saret lill-istess intimata f'Lulju 2012.

Il-qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Eugenio Mallia[1] fejn jiddikjara li mar fl-indirizz gewwa San Pawl tat-Targa u hemmhekk sab lil Hugo Mamo li qal li kien ser jaccetta l-att biex jghaddih lill-intimata. Ix-xhud mhux cert jekk l-imsemmi Hugo Mamo qallux li l-intimata tahdem fl-indirizz in kwistjoni jew le. Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Hugo Mamo li jikkonferma li accetta l-atti ghan-nom tal-intimata fl-indirizz ta' San Pawl it-Targa li huwa ufficcju tax-xoghol fejn tahdem l-istess intimata pero' jispecifika li dak iz-zmien kienu bidlu l-post tax-xoghol. Mistoqsi ghaliex accetta l-atti meta gie l-marixxal, ix-xhud jispjega li haseb li "***kien xi sid bic-cwievet ta' post jew flat...***"[2] u jzid jghid li fl-ufficcju jmorru hafna nies. Huwa interessanti li jinghad li Hugo Mamo jistqarr li l-marixxal ma kienx liebes uniformi meta mar bl-atti. Jghid ukoll li ghalkemm l-intimata tahdem maghhom, ma tahdimx hemmhekk pero' x-xhud ma jzommx l-istess verzjoni dwar meta garrew lejn

[1] Ara x-xhieda tieghu a fol 26 tal-process
[2] Ara a fol 30 tal-process

ufficcju iehor u jekk l-intimata kienitx qieghda tahdem hemmhekk jew le fiz-zmien in kwistjoni. Jghid li m'ghandux idea dwar meta ghamlu dan il-garr u kull ma jista' jaghmel huwa li jipprova jaqta'.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tal-intimata fejn tiddikjara li biddlet l-ufficcju tax-xoghol f'Gunju 2012 ghaliex minn San Pawl tat-Targa l-ufficcju mexa ghal Labour Avenur fin-Naxxar u tikkonferma li f'Lulju 2012 (u cioe' z-zmien meta saret in-notifika in kwistjoni) kienet qieghda tahdem fl-ufficcju l-gdid gewwa Labour Avenue n-Naxxar. Tikkonferma li Hugo Mamo ghaddielha l-atti li tah il-marixxal u tiftakar ukoll li kien qrib Awwissu. Tikkontendi li l-avukat taghha qaltilha li riedet tistenna ghaliex il-qrati jkunu maghluqin minhabba l-festi. Izzid tghid li Hugo infurmaha li ma kienx iffirma ghal dawn il-karti u li haseb li l-marixxal kien l-ex ragel taghha u ma tahiex indikazzjoni dwar meta kien ircevihom. Ghalkemm jigi ssuggerit lilha li marret ghand l-avukat taghha fis-6 ta' Awwissu jew fl-ewwel nofs ta' Awwissu, tghid li ma tiftakarx ezatt. L-intimata wkoll tipprezenta *sub-lease agreement* relatat max-xoghol taghha izda jigi rilevat li dan id-dokument[3] juri biss li Simon Mamo (ma' min tahdem l-intimata) dahal ghal *sub-lease* f'Gunju 2012 izda tali dokument ma jikkonfermax iz-zmien relattiv ta' meta sar fattwalment it-trazlok tal-ufficcju fejn tahdem l-intimata.

Il-qorti tinnota fl-ewwel lok li r-rikors guramentat kien jinkludi s-solitu avviz rikjest mill-ligi. Dwar dan il-fatt m'hemm ebda ombra ta' dubju u ghalhekk il-qorti mhix ser tidhol f'din il-kwistjoni anke in vista tal-fatt li m'hemm ebda kontestazzjoni dwar dan il-punt. Li jrid jigi deciz hu jekk l-intimata kienitx gustifikata fil-kontumacja taghha jew le. Il-qorti tirrileva li r-riferta in kwistjoni u cioe' dik ta' Lulju 2012 li turi li l-atti gew moghtija lil Hugo Mamo, fil-fatt ghaddew ghand l-intimata. Din tal-ahhar m'hijiex certa fuq id-data meta tahomlha imma, mix-xiehda taghha stess, tindika li dan kien f'xi zmien f'Awwissu ghaliex tghid li cemplet lill-avukat taghha li skond hi qaltilha li l-qorti maghluqa u li kellha tistenna. Fil-fehma tal-qorti, x-xiehda tal-intimata

[3] Ara Dok. JC1 esebit in atti

ma tistax tinghata wisq kredibilita' u piz u dan ghaliex ladarba tiftakar li Hugo Mamo taha l-karti in kwistjoni fiz-zmien il-vakanzi, allura missha tiftakar iz-zmien meta tali karti gew f'idejha dan ghaliex necessarjament kollox sar fi zmien qasir. In-notifika saret lejn l-ahhar ta' Lulju 2012 u jidher car (ghall-anqas mit-tezi tal-intimata stess) li f'Awwissu (fiz-zmien meta hi tikkontendi li l-qorti kienet maghluqa ghall-vakanzi) kellha l-karti f'idejha. Dan ifisser li l-istess intimata ma damitx ma kellha l-inkartament f'idejha, minkejja d-dubju li tipprova tohloq l-intimata fuq iz-zmien li seta' ghadda bejn id-data tan-notifika u d-data meta fattwalment Hugo Mamo ghaddielha l-inkartament. Tant hu hekk li l-istess intimata tikkonferma li ghamlet kuntatt mal-avukat taghha dwar tali inkartament. Il-qorti ma taghti ebda kredibilita' lill-istess intimata meta din tikkontendi li l-qorti kienet maghluqa u li riedet tistenna biex tkun tista' tipprezenta r-risposta guramentata taghha. Jidher car li l-intimata qed tipprova tinqeda bil-vakanzi tas-sajf biex tipprova tiskolpa lilha nnifisha mill-attitudni leggera li addottat fil-kwistjoni odjerna. Ta' min wiehed jikkontempla jekk l-intimata qratx l-avviz relatat mal-ghoxrin gurnata mnizzel fir-rikors promotur u jekk haditx azzjoni biex tipprezenta r-risposta guramentata taghha. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-istess intimata halliet sat-3 ta' Ottubru 2012 sabiex tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha u naqset mill tintavola r-rikors opportun, ghall-anqas fi zmien aktar qrib it-terminu moghti lilha. Dan ukoll juri nuqqas da parti tal-istess intimata. Apparti dan kollu, l-istess intimata tipprova tohloq argument fuq l-indirizz tax-xoghol u li skond kif tikkontendi hi, normalment l-atti jigu notifikati lilha fir-residenza ta' ommha, izda tali argument m'ghandu ebda bazi legali ghaliex notifika fuq il-post tax-xoghol hija meqjusa bhala notifika valida. Dwar dan m'hemm l-ebda dubju.

Illi tenut kont ta' dak suespost, u tenut kont tal-gurisprudenza nostrana, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Vittorio B vs Carmelo Vassallo**[4] fejn gie deciz li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, ma jridx ikun hemm element ta' *culpa* da parti tal-istess intimata izda

[4] Vol. XXIX.I. 1581 deciza nhar id-29 ta' Mejju 1937

jrid necessarajament ikun hemm element li permezz tieghu verament juri li kien hemm kawza legittima (u cioe' ***una ragione indipendente dalla volonta' di chi e' chiamato a subire, o necessita' impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili***[5]) ghal tali nuqqas ta' prezentata ta' risposta fit-terminu impost. Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**[6] fejn il-Qorti tal-Appell esponiet il-fundament razzjonali ta' l-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja. Fi kliem l-istess qorti,

"….***Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata***."

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Callus vs Chircop (1926)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell 1995